

LINJI GWIDA

LINJA GWIDA TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tat-22 ta' Marzu 2013

dwar statistika fuq investimenti f'titoli

(BĊE/2013/7)

(2013/215/UE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Bank Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikoli 5.1, 12.1 u 14.3 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 tat-23 ta' Novembru 1998 dwar il-ġbir ta' tagħrif statistiku mill-Bank Ċentrali Ewropew (¹),

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1011/2012 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-17 ta' Ottubru 2012 dwar statistika fuq investimenti f'titoli (BĊE/2012/24) (²),

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru 1011/2012 (BĊE/2012/24) jistipula illi aġenti għar-rapportar residenti fi Stat Membri fiż-żona tal-euro għandhom jirrapportaw dwar pożizzjonijiet, tranżazzjonijiet u, fejn disponibbli, bidliet oħra fil-volum ta' titoli miżmuna minnhom fuq bażi ta' titolu b'titolu Il-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro (BĊNi) jentalbu jikklassifikaw u jaggregaw din id-dejta. Huwa għalhekk neċċessarju illi jiġu definiti l-proċeduri biex BĊNi jirrapportaw lill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), fkonformità mar-Regolament (UE) Nru 1011/2012 (BĊE/2012/24), tagħrif statistiku mnissel mid-dejta miġbura mill-propolazzjoni ta' rrapportar attwali.
- (2) Il-Kummissjoni ppubblikat proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-Sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u regionali fl-Unjoni Ewropea (³) (minn hawn 'il quddiem "ESA 2010"), li huwa qafas ta' kontabbiltà kompatibbli internazzjonallment użat biex jiddeskrivi l-ekonomiji tal-Istati Membri, u li ser jieħu post l-ESA 95. Il-klassifika ta' dejta li trid tigħi rapportata taħt din il-Linja Gwida għandha ssegwi r-regoli stabbiliti fl-ESA 2010.

- (3) Huwa neċċessarju li tiġi stabilita proċedura li biha jkunu jistgħu jsiru l-emendi tekniċi għall-Annessi ta' din il-Linja Gwida b'mod effettiv, sakemm emendi bħal dawn la jbiddlu l-qafas kunċettwali sottostanti u lanqas jeftettwaw il-piżi ta' rrapporġġ fuq l-aġenti għar-rapportar,

ADOTTA DIN IL-LINJA GWIDA:

Artikolu 1

Kamp ta' applikazzjoni

Din il-Linja Gwida tistabbilixxi l-obbligi tal-BĊNi biex jirrapportaw lill-BĊE statistika dwar investimenti f'titoli miġbura skont ir-Regolament (UE) Nru 1011/2012 (BĊE/2012/24).

Artikolu 2

Definizzjonijiet

It-termini użati f'din il-Linja Gwida għandhom l-istess tifsira bħal dawk iddefiniti fir-Regolament (UE) Nru 1011/2012 (BĊE/2012/24).

Artikolu 3

Obbligi tal-BĊNi għar-rapportar ta' investimenti f'titoli b'kodiċi ISIN

1. Il-BĊNi għandhom jiġi u jirrapportaw lill-BĊE tagħrif statistiku dwar investimenti f'titoli b'kodiċi ISIN, fuq bażi ta' titolu b'titolu, skont l-iskemi ta' rrapporġġ f'Anness I, Parti 1 (Tabelli 1 sa 3) u Parti 2 (Tabelli 1 sa 3), u b'konformità mal-istandardi ta' rrapporġġ elettroniku li huma stipulati separatament, għat-tipi ta' strumenti li ġejjin: titoli ta' dejn għal żmien qasir (F.31), titoli ta' dejn għal żmien twil (F.32), ishma kkwotati (F.511) u ishma jew unitajiet ta' fond ta' investiment (F.52).

L-obbligi ta' rapportar tal-BĊNi għandhom ikopru l-pożizzjonijiet tal-aħħar tat-trimestru u jew (i) it-tranżazzjonijiet finanzjarji matul it-trimestru ta' referenza fl-aħħar tat-trimestru, jew (ii) id-dejta tal-aħħar tax-xahar jew tal-aħħar tat-trimestru li hija neċċesarja biex jitnisslu t-tranżazzjonijiet finanzjarji, kif stipulat fil-paragrafu 2.

It-tranżazzjonijiet finanzjarji jew id-dejta neċċessarja biex jitnisslu t-tranżazzjonijiet finanzjarji li jiġi rapportati minn aġġenti

(¹) ĠU L 318, 27.11.1998, p. 8

(²) ĠU L 305, 1.11.2012, p. 6.

(³) KUMM(2010) 774 finali.

għar rapportar attwali lil BĊNi skont Parti 1 ta' Anness 1 tar-Regolament (UE) Nru 1011/2012 (BĊE/2012/24) għandhom jitkejlu kif stipulat f'Parti 3 ta' Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1011/2012 (BĊE/2012/24).

2. Il-BĊNi għandhom jirrapportaw lill-BĊE id-dejta msem-mija fil-paragrafu 1 għall-perjodi ta' referenza li ġejjin u skont l-iskadenzi li ġejjin:

(a) fir-rigward ta' investimenti f'titoli minn investituri residenti bl-eskużżoni ta' BĊNi, titoli miżmumin fkustodja minn kustodji residenti f'isem investituri residenti fi Stati Membri oħra jnha taż-żona tal-euro u titoli maħruġin minn entitajiet fiż-żona tal-euro miżmumin fkustodja minn kustodji residenti f'isem investituri residenti barra ż-żona tal-euro:

(i) Fuq bażi trimestrali l-BĊNi għandhom jirrapportaw dejta dwar il-pożizzjonijiet titolu b'titolu fl-aħħar tat-trimestru fis-70 jum tal-kalendaru wara t-tmiem tat-trimestru li għalihi tirreferi d-dejta;

(ii) Il-BĊNi għandhom jirrapportaw jew (1) fuq bażi trimestrali it-tranżazzjonijiet titolu b'titolu u, fejn jeżistu, bidliet oħra fil-volum matul it-trimestru ta' referenza sal-għeluq tan-negozju fis-70 jum tal-kalendaru wara t-tmiem tat-trimestru li għalihi tirreferi d-dejta; jew (2) il-pożizzjonijiet titolu b'titolu u, fejn jeżistu, bidliet oħra fil-volum, li huma neċċessarji għat-trimissi ta' tranżazzjonijiet. Fil-każ tal-aħħar, il-BĊNi jirrapportaw skont il-metodi deskritti ta' Parti 1 ta' Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1011/2012 (BĊE/2012/24) sal-għeluq tan-negozju fis-70 jum tal-kalendaru wara t-tmiem tat-trimestru li għalihi tirreferi d-dejta għal dejta trimestrali titolu b'titolu u fit-63 jum tal-kalendaru wara t-tmiem tax-xahar li għalihi tirreferi d-dejta għal dejta ta' kull xara titolu b'titolu.

(b) fir-rigward ta' investimenti f'titoli minn gruppi ta' rapportar, inkluż entitajiet mhux residenti, fuq bażi trimestrali l-BĊNi jirrapportaw id-dejta dwar il-pożizzjonijiet titolu b'titolu fl-aħħar tat-trimestru sal-iskadenzi li ġejjin:

(i) mill-2013 sal-2015, sal-għeluq tan-negozju fis-70 jum tal-kalendaru wara t-tmiem tat-trimestru li għalihi tirreferi d-dejta; u

(ii) mill-2016, sal-għeluq tan-negozju fil-55 jum tal-kalendaru wara t-tmiem tat-trimestru li għalihi tirreferi d-dejta.

3. Sa Settembru ta' kull sena, il-BĊE jikkomunika lill-BĊNi d-dati eżatti tat-trażmissjoni ta' dejta li trid tiġi rapportata fil-forma ta' kalendarju ta' rapportar għas-sena ta' wara.

4. Ir-regoli ġenerali li ġejjin għandhom japplikaw għar-reviżjoni ta' data ta' kull xahar u dik trimestrali.

(a) Il-BĊNi għandhom jagħmlu rapport dwar reviżjonijiet regolari kif ġej:

(i) reviżjonijiet għad-dejta ta' kull xahar b'referenza għat-tliet xhur qabel l-aktar trimestru riċenti, li jiġu trażmessi fuq bażi trimestrali, għandhom jintbagħtu flimkien mad-dejta għall-aktar trimestru riċenti (trażmissjoni ta' dejta regolari); reviżjonijiet għad-dejta ta' kull xahar b'referenza għax-xahar qabel l-aktar xahar reċenti, li jiġu trażmessi fuq bażi ta' kull xahar, għandhom jintbagħtu flimkien mad-dejta għall-aktar xahar riċenti (trażmissjoni ta' dejta regolari);

(ii) reviżjonijiet għal dejta trimestrali b'referenza għat-trimestru qabel l-aktar trimestru riċenti għandhom jintbagħtu flimkien mad-dejta għall-aktar trimestru riċenti (trażmissjoni ta' dejta regolari);

(iii) reviżjonijiet għat-tliet snin preċedenti (12-il trimestr) għandhom jintbagħtu flimkien mat-trażmissjoni ta' dejta regolari li tirreferi għat-tielet trimestru tas-sena;

(iv) ir-rapportar ta' xi reviżjonijiet regolari oħra jnha li ma jaqgħux taħt il-punti (i) sa (iii) għandu jiġu miftiehem mal-BĊE.

(b) Il-BĊNi jirrapportaw reviżjonijiet eċċeżżjonali li jtejbu b'mod sinifikanti l-kwalità tad-dejta malli din tkun disponibbli u barra l-perjodi ta' trażmissjoni regolari mingħajr ħsara għall-ftiehim minn qabel mal-BĊE.

Il-BĊNi jippreżentaw noti spjegattivi lill-BĊE li jistipulaw ir-raġunijiet għal reviżjonijiet sinifikanti. Il-BĊNi jistgħu jippreżentaw ukoll noti spjegattivi għal xi reviżjonijiet oħra fuq bażi volon tarja.

5. Il-ħtiġijiet ta' rrapportar stipulati f'dan l-Artikolu huma mingħajr ħsara għal-ħtiġi ta' rrapportar li ġejjin għal dejta b'lura.

(a) Safejn huwa possibbli, il-BĊNi għandhom jirrapportaw dejta b'lura għall-perjodu ta' referenza sa mill-ewwel trimestru tal-2009 sar-raba' trimestru tal-2013.

(b) Fejn Stat Membru jadotta l-euro wara li tidħol fis-seħħ din il-Linjal Gwida, japplikaw ir-regoli li ġejjin:

(i) BĊNi ta' Stati Membri li ngħaqdu mal-Unjoni qabel Diċembru tal-2012 għandhom jirrapportaw dejta b'lura lill-BĊE, fuq il-bażi tal-aqwa sforz, li tkopri tal-anqas (1) il-perjodi ta' referenza tad-dejta li jibdew minn Marzu tal-2014, jew (2) il-ħames snin li jippreċedu l-adozzjoni tal-euro mill-Istat Membru relevanti, hu liema hu l-perjodu li huwa iqsar;

(ii) BĊNi ta' Stati Membri li ngħaqdu mal-Unjoni wara Diċembru tal-2012 għandhom jirrapportaw dejta b'lura lill-BĊE, fuq il-bażi tal-aqwa sforz, li tkopri tal-anqas (1) il-perjodi ta' referenza tad-dejta li jibdew minn Marzu tal-2016, jew (2) il-ħames snin li jippreċedu l-adozzjoni tal-euro mill-Istat Membru relevanti, hu liema hu l-perjodu li huwa iqsar.

6. Ir-regoli tal-kontabbiltà stipulati fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1011/2012 (BĊE/2012/24) japplikaw ukoll meta l-BĊNi jirrapportaw dejta skont din il-Linjal Gwida.

Artikolu 4

Metodi ta' rapportar għal investimenti f'titoli mingħajr kodiċi ISIN

1. Il-BĊNi jistgħu jiddeċiedu jekk jirrapportawx lill-BĊE l-informazzjoni statistika li tkopri titoli mingħajr kodiċi ISIN miżmumin minn MFIs, IFs, FVCs u kapijiet ta' gruppi ta' rapportar suġġetti għar-Regolament (UE) Nru 1011/2012 (BĊE/2012/24) jew miżmumin minn kustodji fisem (i) investituri residenti mhux suġġetti għar-Regolament (UE) Nru 1011/2012 (BĊE/2012/24), (ii) investituri mhux finanzjarji residenti fi Stati Membri oħra jnejha taż-żona tal-euro, jew (iii) investituri residenti fi Stati Membri li mhumiex taż-żona tal-euro, kif id-definit fir-Regolament (UE) Nru 1011/2012 (BĊE/2012/24), li ma ngħatawx deroga mir-rekwiżiti tar-rapportar skont ir-Regolament (UE) Nru 1011/2012 (BĊE/2012/24).

2. Il-BĊNi li jirrapportaw it-tagħrif statistiku bis-saħħa tal-paragrafu 1 għandhom jagħmlu dan skont ir-regoli stabbiliti fl-Artikolu 3(2), bl-użu ta' skemi ta' rapportar tal-Anness I, Parti I (Tabelli 1, 2 u 4) u Parti 2 (Tabelli 1, 2 u 4) kif ukoll l-standards ta' rapportar elettroniku stabbiliti separatament.

3. Id-dejta trimestrali għandha tiġi rriveduta skont l-Artikoli 3(4)(a) u (b).

4. Il-BĊNi jippreżentaw noti spiegattivi lill-BĊE li jistipulaw ir-raġunijiet għal reviżjonijiet sinifikanti. Il-BĊNi jistgħu jippreżentaw ukoll noti spiegattivi għal xi reviżjonijiet oħra fuq bażi volontarja. Barra minn dan, il-BĊNi għandhom jipprovdu tagħrif dwar riklassifikazzjonijiet sinifikanti fis-setturi tad-detentur jew fil-klassifikazzjoni tal-strument, fejn tkun disponibbli.

Artikolu 5

Metodi għall-ġbir tal-istatistika fuq investimenti f'titoli miżmumin f'kustodja

1. Minkejja l-eżenzjoni mill-obbligi ta' rapportar statistiku li l-BĊNi jistgħu jagħtu lill-kustodji skont l-Artikolu 4(5)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1011/2012 (BĊE/2012/24), għall-konformità mal-Artikolu 3, il-BĊNi, wara li jikkonsultaw mal-BĊE, għandhom jiddeċiedu fuq il-metodu l-iktar xieraq għall-ġbir tal-istatistika fuq titoli miżmumin minn investituri li ma humiex suġġetti għar-rekwiżiti ta' rappurtar skont ir-Regolament (UE) Nru 1011/2012 (BĊE/2012/24), skont l-organizzazzjoni tas-swieq rilevanti u d-disponibbiltà ta' informazzjoni statistika, pubblika jew superviżorja rilevanti oħra fl-Istati Membri.

2. Jekk id-dejta fuq investimenti f'titoli ma tigħix rapportata minnkustodji wara l-eżenzjoni mogħiġa skont l-Artikolu 4(5)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1011/2012 (BĊE/2012/24) u, jekk il-BĊNi jiksbu din id-dejta minn sorsi tad-dejta statistiċi jew superviżorji oħrajn, jew jekk jiġbruhom direttament minn investituri skont l-arranggmenti nazzjonali, il-BĊNi għandhom jieħdu l-miżuri li ġejjin:

(a) jiżguraw li dawn is-sorsi huma allinjati b'mod suffiċċenti mal-kunċċetti statistiċi u d-definizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1011/2012 (BĊE/2012/24);

(b) jimmonitorjataw il-kwalità tad-dejta skont l-standards statistiċi minimi preskribti fl-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 1011/2012 (BĊE/2012/24);

(c) jekk id-dejta rrapportata ma tissodisfax l-standards ta' kwalità msemmija fis-subparagrafu (b), għandha tiżdied il-kwalità ta' din id-dejta, inkluż il-ġbir tad-dejta minn kustodji kif ipprovdu fl-Artikolu 4(10) u (11) tar-Regolament (UE) Nru 1011/2012 (BĊE/2012/24).

3. Barra minn dan, il-BĊNi għandhom jipprovdu tagħrif fuq tibdil sinjifikanti ieħor fil-volum, meta jkun disponibbli, kif id-definit fil-Parti 3 tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1011/2012 (BĊE/2012/24).

Artikolu 6

Derogi

1. Il-BĊNi għandhom jinfurmaw lill-BĊE, tal-inqas darba fis-sena, bid-derogi mogħiġa, imġedda jew irtirati mill-aġġenti ta' rrapportar għas-sena kalendarja ta' wara, kif ukoll kwalunkwe rekwiżit ta' rapportar *ad hoc* impost fuq aġġenti ta' rrapportar attwali li jkunu ngħatawx deroga.

2. Il-BĊNi għandhom jivverifikaw regolarmen, tal-inqas darba fis-sena, li jiġu ssodisfatti l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1011/2012 (BĊE/2012/24) għall-ġħoti, it-tiġidid jew l-irtirar ta' kwalunkwe deroga.

Artikolu 7

Dejta ta' riferenza fuq l-assi tal-karta tal-bilanċ konsolidata tal-gruppi ta' rapportar

1. Il-Kunsill Governativ tal-BĊE għandu jidentifika l-gruppi ta' rrapportar kif stabbilit, u skont il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 2(4) tar-Regolament (UE) Nru 1011/2012 (BĊE/2012/24) fuq il-bażi tad-dejta tal-aħħar ta' Diċembru li tikkorrespondi mas-sena kalendarja precedingi pprovduta mill-BĊNi lill-BĊE (minn hawn 'il quddiem id-“dejta ta’ referenza”) sabiex tinġabar statistika tas-SEBĊ fuq id-dejta bankarja għall-Istati Membri.

2. Sa Settembru ta' kull sena, il-BĊE għandu jikkomunika lill-BĊNi d-data fis-sena ta' wara sa meta l-BĊNi għandhom jitt-raq mettu d-dejta ta' referenza. Din it-trażmissjoni għandha ssir fil-ħin sabiex tippermetti d-derivazzjoni tal-assi konsolidati totali tal-banek tal-Unjoni Ewropea f'Lulju ta' kull sena.

Artikolu 8

Proċedura ta' notifikasi lil-kapijiet ta' grupp ta' rapportar

1. Il-BĊNi għandhom, fisem il-BĊN, jużaw il-galvu tal-ittra fl-Anness II (minn hawn 'il quddiem l-ittira ta' notifikasi) biex jinnotifikaw lill-kapijiet ta' grupp ta' rapportar bid-deċiżjoni tal-Kunsill Governativ skont l-Artikolu 2(4) tar-Regolament (UE) Nru 1011/2012 (BĊE/2012/24) tal-obbligi tar-rapportar tagħhom skont ir-Regolament. L-ittra ta' notifikasi għandu jkollha l-kriterji li jiġi għażi kif iż-żgħix kollha bħala kap ta' grupp ta' rrapportar.

2. Il-BĊN rilevanti għandu jibgħat l-ittra ta' notifika lill-kap ta' grupp ta' rrappor tar fi żmien 10jiem tax-xogħol tal-BĊE wara d-data tad-deċiżjoni tal-Kunsill Governattiv, u jibgħat kopja ta' dik l-ittra lis-Segretarjat tal-BĊE.

3. Il-proċedura deskritta fil-paragrafu 2 m'għandhiex tapplika għan-notifika ta' kappijet tal-gruppi tar-rappor tar, li ġew identifikati mill-Kunsill Governattiv bis-saħħa tal-Artikolu 2(4) tar-Regolament (UE) Nru 1011/2012 (BĊE/2012/24) qabel id-data li fiha tidħol fis-seħħ din il-Linjal Gwida.

Artikolu 9

Proċedura ta' reviżjoni mill-Kunsill Governattiv

1. Jekk kap ta' grupp ta' rapportar innotifikat skont l-Artikolu 8 jippreżenta, fi żmien 15-il jum tax-xogħol tal-BĊE minn meta tiġi rċevuta din in-notifika, talba raġunata bil-miktub bl-informazzjoni ta' appoġġ lill-BĊE rilevanti għar-reviżjoni tal-klassifikasi tiegħu bħala kap ta' grupp ta' rrappor tar, il-BĊN rilevanti għandu jittrażmetti din t-talba lill-Kunsill Governattiv fi żmien 10 jiem tax-xogħol tal-BĊE.

2. Wara li tiġi rċevuta t-talba bil-miktub bis-saħħa tal-paragrafu 1, il-Kunsill Governattiv għandu jirivedi l-klassifikazzjoni u jikkomunika d-deċiżjoni rraġunata tiegħu bil-miktub, fi żmien xahrejn minn meta tiġi rċevuta t-talba, lill-BĊN rilevanti, li għandu jinnotifika lill-kap tal-grupp ta' rapportar bid-deċiżjoni tal-Kunsill Governattiv fi żmien 10 jiem tax-xogħol tal-BĊE.

Artikolu 10

Kooperazzjoni ma' awtoritajiet kompetenti oħrajn minbarra l-BĊNi

1. Fejn id-dejta kollha deskritta fir-Regolament (UE) Nru 1011/2012 (BĊE/2012/24) jew parti minnha tista' tinkiseb mill-awtoritajiet kompetenti minbarra l-BĊNi, il-BĊNi għandhom jistabbilixxu l-mekkaniżi ta' kooperazzjoni xierqa ma' dawn l-awtoritajiet biex tiġi żgurata struttura permanenti biex tiġi rċevuta din id-dejta.

2. Il-BĊNi għandhom jiżguraw li d-dejta msemmija fil-paragrafu 1 tissodisfa l-istandardi statistiċi minimi stabbiliti fl-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 1011/2012 (BĊE/2012/24), kif ukoll kull rekwiżit ieħor stabbit fir-Regolament (UE) Nru 1011/2012 (BĊE/2012/24), qabel ma jittrażmettuha lill-BĊE skont l-Artikolu 3.

Artikolu 11

Verifika

1. Bla ħsara għad-drittijiet ta' verifikasi tal-BĊE stabbiliti fir-Regolamenti (KE) Nru 2533/98 u (UE) Nru 1011/2012 (BĊE/2012/24), il-BĊNi għandhom jimmonitorjaw u jiżguraw il-kwalità u l-affidabbiltà tat-tagħrif statistiku disponibbli għall-

BĊE u jikkoperaw mill-qrib mal-operaturi tas-Securities Holdings Statistics Database ([Database tal-Istatistika tal-Investimenti fit-Titol] iktar 'il quddiem l-SHSDB) bħal parti mill-ġestjoni tal-kwalità tad-dejta komplexiva.

2. Il-BĊE għandu jevalwa din id-dejta b'mod simili, fkooperazzjoni mill-qrib mal-operaturi tal-SHSDB. L-evalwazzjoni għandha titwettaq fil-ħin.

Artikolu 12

Standards ta' trażmissjoni

Il-BĊNi għandhom jużaw l-ESCB-Net għat-trażmissjoni elettronika tat-tagħrif statistiku meħtieġ mill-BĊE. It-tagħrif statistiku għandu jkun disponibbli għall-BĊE skont l-istandardi ta' rapportar elettroniku stabbiliti separatament. Bla ħsara għall-kunsens minn qabel tal-BĊE, jistgħu jintużaw mezzi oħrajn għat-trażmissjoni tat-tagħrif statistiku.

Artikolu 13

Proċedura ssimplifikata għall-emendi

Filwaqt li jkunu kkunsidrati l-fehmiet tal-Kumitat tal-Istatistika tas-SEBĊ, il-Bord Eżekuttiv tal-BĊE jista' jagħmel emendi tekniċi fl-annessi ta' din il-Linjal Gwida, sakemm dawn l-emendi la jibdu l-qafas konċettwali sottostanti u lanqas jaffettwaw il-piż ta' rapportar fuq l-agħetti ta' rapportar. Il-Bord Eżekuttiv għandu jinforma lill-Kunsill Governattiv b'kull emenda bħal din mingħajr dewmien żejjed.

Artikolu 14

Dħul fis-seħħ u implementazzjoni

Din il-Linjal Gwida tidħol fis-seħħ fil-jum tan-notifika tagħha lill-BĊNi. Il-banek ċentrali tal-Eurosistema għandhom jikkonformaw mal-Artikoli 8 u 9 mid-data tan-notifika tal-Linjal Gwida lill-BĊNi u mal-bqja tad-dispożizzjonijiet tal-Linjal Gwida mill-1 ta' Jannar 2014.

Artikolu 15

Indirizzati

Din il-Linjal Gwida hija indirizzata lill-banek ċentrali kollha tal-Eurosistema.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-22 ta' Marzu 2013.

Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE

Il-President tal-BĊE

Mario DRAGHI

ANNESS I

SKEMI TA' RAPPORTAR

PARTI 1

Investimenti f'titoli bis-setturi bl-eskużjoni ta' investimenti minn banek ċentrali nazzjonali

Tabella 1

Informazzjoni ġenerali u nota spiegattiva

Informazzjoni rrapporata (1)	Attribut	Status (2)	Deskrizzjoni
1. Informazzjoni ġenerali	Istituzzjoni ta' rapportar	M	Kodiċi ta' identifikazzjoni għall-istituzzjoni ta' rapportar
	Data ta' sottomissjoni	M	Data li fiha d-dejta tintbagħha lill-SHSDB
	Perijodu ta' referenza	M	Perijodu li għalih tirreferi d-dejta
	Frekwenza tar-rapportar	M	Dejta trimestrali Dejta ta' kull xahar (3)
2. Noti spiegattivi (metad-ta)	M	Trattament ta' fidi bikri	
	M	Trattament ta' imgħax akkumulat	

(1) L-istandardi ta' rapportar elettroniċi huma stabbiliti separatament.

(2) M: attribut obbligatorju; V: attribut volontarju.

(3) Għall-pożizzjonijiet biss, jekk it-tranżazzjonijiet jirriżultaw minn posizzjonijiet ta' kull xahar fl-SHSDB.

Tabella 2

Tagħrif dwar investimenti f' titoli

Informazzjoni rrapporata (1)	Attribut	Status (2)	Deskrizzjoni
Tagħrif dwar titoli	Settur tad-detentur	M	Settur/subsettur tal-investitur.
			Korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S.11) (4)
			Korporazzjonijiet li jieħdu depożiti minbarra banek ċentrali (S.122)
			Fondi tas-swieq tal-flus (S.123)
			Fondi ta' investiment mhux MMF (S.124)
			Korporazzjonijiet oħra finanzjarji (4) bl-eskużjoni ta' korporazzjonijiet ta' vetturi finanzjarji
			Korporazzjonijiet vetturi finanzjarji
			Korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni (S.128)
			Fondi tal-pensioni (S.129)

Informazzjoni rrapportata (1)	Attribut	Status (2)	Deskriżzjoni	
			Korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u fondi ta' pensjonijiet (subsettur mhux identifikat) (S.128 + S.129) (perijodu tranżitorju)	
			Gvern ċentrali (S.1311) (taqsim volontarju)	
			Gvern tal-Istat (S.1312) (taqsim volontarju)	
			Gvern lokali (S.1313) (taqsim volontarju)	
			Fondi tas-sigurtà soċjali (S.1314) (taqsim volontarju)	
			Gvern ġeneral ieħor (subsettur mhux identifikat)	
			Djar bl-esklużjoni ta' istituzzjonijiet mhux għall-profit li jservu d-djar (S.14) (taqsim volontarju għal investituri residenti, obbligatorju għall-investimenti ta' terzi)	
			Istituzzjonijiet mhux għall-profit li jservu d-djar (S.15) (taqsim volontarju)	
			Djar oħrajn u istituzzjonijiet mhux għall-profit li jservu d-djar (S.14 + S.15) (subsettur mhux identifikat)	
			Investituri mhux finanzjarji bl-esklużjoni ta' djar (għal investimenti ta' terzi biss) (S.11 + S.13 + S.15) (5)	
			Banek ċentrali u gvern ġenerali jiġu rrapportati biss għal investimenti minn pajjiżi mhux taż-żona tal-euro (S.121 + S.13) (6)	
			Investituri li ma jkunux banek ċentrali u gvernijiet jiġu rrapportati biss għal investimenti minn pajjiżi mhux taż-żona tal-euro (6)	
			Settur mhux magħruf (7)	
Pajjiż detentur	M		Pajjiż ta' residenza tal-investitur	
Sors:	M		Sors tal-informazzjoni mibgħuta fuq l-investimenti ta' titoli	
			Rapportar dirett	
			Rapportar tal-kustodju	
			Rapportar imħallat (8)	

Informazzjoni rrapportata ⁽¹⁾	Attribut	Status ⁽²⁾	Deskriżzjoni	
			Mhux disponibbli	
Funzjoni	M		Funzjoni tal-investiment skont il-klassifika tal-istatistika tal-bilanċ tal-pagamenti	
			Investiment dirett	
			Investiment ta' portafoll	
			Mhux speċifikat	
Bażi ta' rapportar	M/V ⁽⁹⁾	Jindika kif inhu kkwotat it-titolu, bħala percen-twali jew funitajiet		
			Perċentwali	
			Unitajiet	
Munita nominali	V	Munita li fiha huwa ddenominat l-ISIN, irrapportat meta l-bażi tar-rapportar hija daqs il-percen-twali.		
Pożizzjonijiet	M	L-ammont totali tat-titolu miżmumin		
		Fil-valur nominali ⁽¹⁰⁾ Numru ta' ishma jew unitajiet ta' titolu jew ammont nominali aggregat (f'munita nominali jew feuro) jekk it-titolu jiġi nneozjat f'ammonti pjuttost milli f'unitajiet, bl-eskużjoni ta' imgħax aggregat		
		Fil-valur tas-suq. Ammont miżimum fil-prezz ikkwotat fis-suq tal-euro, inkluż imgħax akkumulat ⁽¹¹⁾		
Pożizzjonijiet: li minnhom ammont	M ⁽¹²⁾	Ammont ta' titoli miżmumin mill-iktar żewġ investituri kbar		
		Fil-valur nominali, skont l-istess metodu ta' valutazzjoni bħala pożizzjonijiet		
		Fil-valur tas-suq, skont l-istess metodu ta' valutazzjoni bħala pożizzjonijiet		
Il-format	M ⁽¹⁰⁾	Jispeċċika l-format użat għall-pożizzjonijiet fil-valur nominali		
		Valur nominali feuro jew munita rilevanti oħra		
		Numru ta' ishma/unitajiet ⁽¹³⁾		
Tibdil ieħor fil-volum	M	Tibdil ieħor fl-ammont tat-titolu miżimum		

Informazzjoni rrapportata ⁽¹⁾	Attribut	Status ⁽²⁾	Deskriżzjoni
			Fil-valur nominali fl-istess format bħall-pożizzjonijiet fil-valur nominali
			Fil-valur tas-suq f'euro
Tibdil ieħor fil-volum: liema ammont	M ⁽¹²⁾	Tibdil ieħor fil-volum fl-ammont miż-żeuwg l-ikbar investituri	
			Fil-valur nominali, skont l-istess metodu ta' valutazzjoni bħala pożizzjonijiet
			Fil-valur tas-suq, skont l-istess metodu ta' valutazzjoni bħala pożizzjonijiet
Tranżazzjonijiet finanzjarji	M ⁽¹⁴⁾	Total tax-xiri bil-bejgħ ta' titoli mnaqqsa, irreġistrat fil-valur tat-tranżazzjoni f'euro inkluż imgħax akkumulat ⁽¹⁵⁾	
Tranżazzjonijiet finanzjarji: ta' liema ammont	M ^{(12), (16)}	Total tal-aktar żewġ tranżazzjonijiet kbar f'termini assoluti minn detenturi individuali, skont l-istess metodu ta' valutazzjoni bħal tranżazzjonijiet finanzjarji	
Status ta' konfidenzjalità	M ⁽¹⁷⁾	Status ta' konfidenzjalità għal pożizzjonijiet, tranżazzjonijiet, tibdil ieħor fil-volum	
		Mhux għall-publikazzjoni, ristrett għall-użu intern biss	
		Tagħrif statistiku kunfidenzjali	
		Ma japplikax ⁽¹⁸⁾	

(¹) L-istandardi ta' rapportar elettroniċi huma stabbiliti separatament.

(²) M: attribut obbligatorju; V: attribut volontarju.

(³) L-enumerażzjoni tal-kategoriji f'din il-Linja Gwida kollha tirrifletti l-enumerażzjoni introdotta fl-ESA 2010.

(⁴) Intermedjarji finanzjarji oħra rajn (S.125) kif ukoll awżiżlarji finanzjarji (S.126) flimkien ma' istituzzjonijiet finanzjarji kaptivi u selliefa tal-flus (S.127).

(⁵) Jekk is-setturi S.11, S.13 u S.15 ma jiġux irrapportati separatament biss.

(⁶) Għad-dejta rapportata minn banek ċentrali nazzjonali mhux taż-żona tal-euro, għar-rapportar tal-investimenti minn investuri mhux residentsi biss.

(⁷) Resident ta' setturi mhux allokat fil-pajjiż detentur; jiġifieri setturi mhux magħrufin ta' pajjiżi mhux magħrufin m'għandhomx jiġi rrapportati. Il-BĊNi għandhom jinfurmaw lill-operaturi tal-SHSDB bir-raġuni għas-settur mhux magħruf, fil-każ ta' valuri rilevanti statistikament.

(⁸) Jekk ma tistax issir dintinżjoni bejn ir-rapportar dirett u dak tal-kustodju biss.

(⁹) Obbligatorju għar-rapportar ta' titoli b'kodiċi ISIN; volontarju għar-rapportar ta' titoli mingħajr kodiċi ISIN.

(¹⁰) Mhux irrapportat jekk il-valuri tas-suq (u t-tibdil rispettiv l-ihor f'volum/tranżazzjonijiet) jiġi rrapportati

(¹¹) Hija rrakkomandata l-inklużjoni tal-imgħax akkumulat, fuq bażi tal-aħjar sforz.

(¹²) Jekk BĊN jirrapporta status ta' konfidenzjalità, dan l-attribut jista' ma jiġix irrapportat. L-ammont jista' jirreferi għall-ikbar investituri wieħed, minnflok għall-iktar żewġ investituri kbar, taħbi ir-responsabbiltà tal-BĊN li qed jirrapporta.

(¹³) Il-BĊNi huma mħeġġa biex jirrapportaw il-valur nominali f'numru ta' unitajiet meta t-titoli huma kkotwati fis-CSDB.

(¹⁴) Jiġu rrapportati biss jekk it-tranżazzjonijiet ma jirriżultawx minn pożizzjonijiet fl-SHSDB.

(¹⁵) Hija rrakkomandata l-inklużjoni tal-imgħax akkumulat, fuq bażi tal-aħjar sforz.

(¹⁶) Jiġu rrapportati biss għal tranżazzjonijiet miġburin minn aġenti ta' rapportar, mhux irrapportati għal tranżazzjonijiet ġejjin minn pożizzjonijiet minn BĊNi.

(¹⁷) Għandu jiġi rrapportat jekk l-ammont korrispondenti tal-aktar żewġ investituri kbar għal pożizzjonijiet, tranżazzjonijiet, tibdil ieħor fil-volum, rispettivament, ma jkunx disponibbli/ipprovdu.

(¹⁸) Jintuża biss jekk it-tranżazzjonijiet jiġi minn pożizzjonijiet mill-BĊNi. Fdawn il-każjiżiet l-istatus tal-konfidenzjalità jiġi mill-SHSDB, jiġifieri jekk il-pożizzjonijiet inizjali u/jew finali huma konfidenzjali, it-tranżazzjoni riżultanti hija mmarkata bħala konfidenzjali.

Tabella 3

Investimenti f'titoli b'kodiċi ISIN

Tagħrif rapportat (¹)	Attribut	Status (²)	Deskrizzjoni
Dejta ta' referenza:	Kodiċi ISIN	M	Kodiċi ISIN

(¹) L-istands ta' rapportar elettroniċi huma stabbiliti separatament.

(²) M: attribut obbligatorju; V: attribut volontarju.

Tabella 4

Investimenti f'titoli mingħajr kodiċi ISIN

Tagħrif rapportat (¹)	Attribut	Status (²)	Deskrizzjoni
1. Dejta ta' referenza bażika	Marka ta' aggregazzjoni	M	Tip ta' dejta Dejta rrapporata fuq bażi ta' titolu b'titolu Dejta aggregata (l-ebda titolu b'titolu)
	Numru ta' identifikazzjoni ta' titoli/aggregati	M	Numru ta' identifikazzjoni tat-titoli intern għal titoli mingħajr kodiċi ISIN u dejta aggregata fuq investimenti f' titoli
	Tip ta' numru ta' identifikazzjoni ta' titoli	M (³)	Tispeċifika n-numru ta' identifikazzjoni tat-titoli għal titoli rrapporati fuq bażi ta' titolu b'titolu (⁴) Numru intern tal-BĊN CUSIP SEDOL oħrajn (jiġu spċifikati fil-metadata)
	Klassifikazzjoni tal-istruмент	M	Klassifikazzjoni tat-titolu skont ESA 2010 u r-Regolament (UE) Nru 1011/2012 (BĊE/2012/24) Titoli ta' dejn fuq perjodu ta' żmien qasir (F.31) Titoli ta' dejn fuq perjodu ta' żmien twil (F.32) Ishma elenkti (F.511) Ishma jew unitajiet ta' fond ta' investiment (F.52) Tipi ta' titoli oħrajn (⁵)
	Settur tal-emittent	M	Settur istituzzjonali tal-emittent skont ESA 2010 u r-Regolament (UE) Nru 1011/2012 (BĊE/2012/24)
	Pajjiż emittent	M	Pajjiż tal-inkorporazzjoni legali jew domiċilju tal-emittent tat-titolu

Tagħrif rapportat (¹)	Attribut	Status (²)	Deskriżzjoni
	Valur tal-prezz (⁶)	V	Il-prezz tat-titolu fit-tmiem tal-perjodu ta' referenza
	Bażi tal-valur tal-prezz (⁶)	V	Bażi li fuqha jingħata l-valur tal-prezz
			Euro jew munita rilevanti oħra
			Perċentwali
2. Dejta ta' referenza addizzjonali	Isem tal-emittent	V	Isem tal-emittent
	Isem qasir	V	Isem qasir tat-titolu mogħti mill-emittent, iddefinit skont il-karatterisitiċi tat-titolu u kull informazzjoni oħra disponibbli
	Data tal-ħruġ	V	Id-data li fiha t-titoli jiġu kkonsenjati lis-sottoskrivent mill-emittent flimkien ma' pagament. Din hija d-data meta t-titoli ikunu jistgħu jiġu kkonsenjati lil investituri għall-ewwel darba.
	Data tal-maturità	V	Data meta l-instrument jinfeda
	Ammont li għad irid jitħallas	V	Ammont li għad irid jitħallas ikkonvertit f'euro
	Kapitalizzazzjoni tas-suq	V	L-aħħar kapitalizzazzjoni tas-suq f'euro disponibbli
	Imgħax akkumulat	V	Imgħax akkumulat mill-aħħar pagament ta' kupun jew mid-data li fiha beda jakkumula l-imgħax.
	Fattur tal-aħħar split	V	Frazzjonamenti (<i>splits</i>) ta' stokks u raggruppamenti (<i>reverse splits</i>) ta' ishma
	L-aħħar data tal-frazzjonament	V	Id-data li fiha l-frazzjonament tal-istokk isir effettiv.
	Tip ta' kupun	V	Tip ta' kupun (fiss, varjabbli, imtarraġ eċċ)
	Tip ta' dejn	V	Tip ta' strument ta' dejn
	Ammont tad-dividend	V	Ammont tal-aħħar pagament tad-dividend għal kull sehem bit-tip tal-ammont tad-dividend qabel it-taxxa (dividend gross)
	Tip tal-ammont tad-dividend	V	Denominazzjoni jew fmunita tad-dividend jew numru ta' ishma
	Munita tad-dividend	V	Munita tal-aħħar ħlas ta' dividend
	Tip ta' titolizzazzjoni tal-attiv	V	Tip ta' attiv li bih issir titolizzazzjoni

(¹) L-istandardi ta' rapportar elettroniċi huma stabbiliti separatamente.

(²) M: attribut obbligatorju; V: attribut volontarju.

(³) Mhix jekk humiex fpożizzjoni li jagħmlu dan. Kodicijjiet CUSIP u SEDOL jistgħu jiġu trattati bħala numri interni tal-BĊN.

(⁴) Il-BĊNi għandhom preferibbilment jużaw l-istess numru ta' identifikazzjoni tat-titoli għal kull titolu fuq bosta snin. Barra minn dan, kull numru ta' identifikazzjoni tat-titoli għandu jkun irrelat ma' titolu wieħed biss. Il-BĊNi għandhom jinfurmaw lill-operaturi tal-SHSDB jekk humiex fpożizzjoni li jagħmlu dan. Kodicijjiet CUSIP u SEDOL jistgħu jiġi trattati bħala numri interni tal-BĊN.

(⁵) Dawn it-titoli ma jiġux inklużi fil-produzzjoni tal-aggregati.

(⁶) Għall-kalkolu pożizzjonijiet fil-valur tas-suq minn pożizzjonijiet fil-valur nominali.

PARTI 2

Investimenti f'titoli minn gruppi ta' rapportar

Tabella 1

Tagħrif ġenerali u noti spjegattivi

Tagħrif rapportat (¹)	Attribut		Status (²)	Deskrizzjoni
1. Tagħrif ġenerali	Istituzzjoni ta' rapportar		M	Kodiċi ta' identifikazzjoni għall-istituzzjoni ta' rapportar
	Data ta' sottomissjoni		M	Data meta d-dejta tintbagħat lill-SHSDB
	Perijodu ta' referenza		M	Perijodu li għalih tirreferi d-dejta
	Frekwenza tar-rapportar		M	Dejta trimestrali
2. Noti spjegattivi (metad-ta)	M	Trattament ta' fidi bikri		
	M	Trattament ta' imgħax akkumulat		

(¹) L-istards ta' rapportar elettroniku huma stabbiliti separatament.

(²) M: attribut obbligatorju; V: attribut volontarju.

Tabella 2

Tagħrif dwar investimenti f' titoli

Informazzjoni rrapportata (¹)	Attribut	Status (²)	Deskrizzjoni
Tagħrif dwar titoli	ID tal-grupp ta' rapportar	M	ID tal-grupp ta' rapportar (³)
	Residenza tal-entitajiet tal-grupp	V	Residenza tal-entitajiet tal-grupp, meta rrapportata separatament mill-uffiċċju ewljeni (⁴)
			Residenti fil-pajjiż tal-uffiċċju prinċipali
			Mhux residenti fil-pajjiż tal-uffiċċju prinċipali
			Jekk mhux residenti fil-pajjiż tal-uffiċċju prinċipali, residenti f' pajjiżi oħrajn taż-żona tal-euro
			Jekk mhux residenti fil-pajjiż tal-uffiċċju prinċipali, residenti barra ż-żona tal-euro
	ID tal-entità	V	ID tal-entità tal-grupp (³)
	Pajjiż ta' residenza tal-entità	V	Pajjiż tal-inkorporazzjoni legali jew domiċilju tal-entità
	Tip ta' grupp	M	Tip ta' grupp
			Grupp bankarju
Bażi ta' rapportar	M	Jindika kif inhu kkwotat it-titolu, bħala perċen-twali jew f'unitajiet	

Informazzjoni rrapporata ⁽¹⁾	Attribut	Status ⁽²⁾	Deskriżzjoni	
			Perċentwali	
			Unitajiet	
Munita nominali	V	Munita li fiha huwa ddenominat l-ISIN, irrapportat meta l-bażi tar-rapportar hija daqs il-perċentwali.		
Il-format	M ⁽³⁾	Jispeċifika l-format użat għall-pożizzjonijiet fil-valur nominali		
		Valur nominali feuro jew munita rilevanti oħra		
		Numru ta' ishma/unitajiet ⁽⁶⁾		
Pożizzjonijiet	M	L-ammont totali tat-titoli miżmumin		
		Bil-valur nominali ⁽⁵⁾ Numru ta' ishma jew unitajiet ta' titolu jew ammont nominali aggregat (f'munita nominali jew euro) jekk it-titolu jiġi nnegozjat f'ammonti pjuttost milli f'unitajiet, bl-eskużjoni ta' imgħax aggregat		
		Fil-valur tas-suq. Ammont miżimum fil-prezz ikkwotat fis-suq tal-euro, inkluż imgħax akkumulat ⁽⁷⁾		
Tibdil ieħor fil-volum	V	Tibdil ieħor fil-volum fl-ammont tat-titolu miżimum		
		Fil-valur nominali fl-istess format bħall-pożizzjonijiet fil-valur nominali ⁽³⁾		
		Fil-valur tas-suq feuro		
Tranżazzjonijiet finan-	V	Total tax-xiri bil-bejgħ ta' titoli mnaqqsa, irregiestrat fil-valur tat-tranżazzjoni feuro inkluż imgħax akkumulat ⁽⁷⁾		
mill-zjarji				
L-emittent huwa parti mill-grupp ta' rrapporṭar	V	Jindika jekk it-titolu nhariġ minn entità tal-istess grupp ta' rapportar		

⁽¹⁾ L-istandards ta' rapportar elettroniċi huma stabbiliti separatament.⁽²⁾ M: attribut obbligatorju; V: attribut volontarju.⁽³⁾ L-identifikatur jiġi definnit separatament.⁽⁴⁾ Il-BĊNi jistgħi jirrapportaw skont erba' għażiex alternattivi: (1) aggregati għall-entitajiet kollha tal-grupp inkluż l-uffiċċju prinċipali; (2) aggregati għall-entitajiet residenti fil-pajjiż tal-uffiċċju prinċipali; u aggregati għall-entitajiet mhux residenti fil-pajjiż tal-uffiċċju prinċipali, rispettivament; (3) aggregati għal entitajiet residenti fil-pajjiż tal-uffiċċju prinċipali; aggregati għall-entitajiet residenti f'pajjiż ieħor taż-żona tal-euro; aggregati għall-entitajiet residenti barra miż-żona tal-euro; (4) entità b'entità.⁽⁵⁾ Muix irrapportat jekk il-valuri tas-suq huma rrapporṭati⁽⁶⁾ Il-BĊNi huma mħeġġa biex jirrapportaw il-valur nominali f'numru ta' unitajiet meta t-titoli huma kkwotati fis-CSDB.⁽⁷⁾ Hija rrakkomandata l-inklużjoni tal-imgħax akkumulat, fuq bażi tal-aħjar sforz.

Tabella 3

Investimenti f'titoli b'kodiċi ISIN

Tagħrif rapportat (¹)	Attribut	Status (²)	Deskrizzjoni
Dejta ta' referenza:	Kodiċi ISIN	M	Kodiċi ISIN

(¹) L-istands ta' rapportar elettroniċi huma stabbiliti separatament.
(²) M: attribut obbligatorju; V: attribut volontarju.

Tabella 4

Investimenti f'titoli mingħajr kodiċi ISIN

Tagħrif rapportat (¹)	Attribut	Status (²)	Deskrizzjoni
1. Dejta ta' referenza bażika	Marka ta' aggregazzjoni	M	Tip ta' dejta
			Dejta rrapporata fuq bażi ta' titolu b'titolu
			Dejta aggregata (l-ebda titolu b'titolu)
	Numru ta' identifikazzjoni tat-titoli	M	Numru ta' identifikazzjoni tal-BĊN intern għal investimenti f' titoli mingħajr kodiċi ISIN irrapportat fuq bażi ta' titolu b'titolu, jew fuq bażi aggregata
	Tip ta' numru ta' identifikazzjoni ta' titoli	M (³)	Tispeċifika n-numru ta' identifikazzjoni tat-titoli għal titoli rrapporati fuq bażi ta' titolu b'titolu (⁴)
			Numru intern tal-BĊN
			CUSIP
			SEDOL
			oħrajn (⁵)
	Klassifikazzjoni tal-istruмент	M	Klassifikazzjoni tat-titolu skont ESA 2010 u r-Regolament (UE) Nru 1011/2012 (BĊE/2012/24)
			Titoli ta' dejn fuq perjodu ta' żmien qasir
			Titoli ta' dejn fuq perjodu ta' żmien twil
			Ishma kkwoxati
			Ishma ta' fondi ta' investiment
			Tipi ta' titoli oħrajn (⁶)
	Settur tal-emittent	M	Settur istituzzjonali tal-emittent skont ESA 2010 u r-Regolament (UE) Nru 1011/2012 (BĊE/2012/24)

Tagħrif rapportat (¹)	Attribut	Status (²)	Deskriżzjoni
	Pajjiż emittent	M	Pajjiż tal-inkorporazzjoni legali jew domiċilju tal-emittent tat-titolu
	Valur tal-prezz (³)	V	Il-prezz tat-titolu fit-tmiem tal-perjodu ta' referenza
	Bażi tal-valur tal-prezz (³)	V	Tispeċifika l-bażi li fuqha jingħata l-valur tal-prezz
			Euro jew munita rilevanti oħra
			Perċentwali
2. Dejta ta' referenza addizzjonali	Isem tal-emittent	V	Isem tal-emittent
	Isem qasir	V	Isem qasir tat-titolu mogħiġ mill-emittent, iddefinit skont il-karatterisitiċi tat-titolu u kull informazzjoni oħra disponibbli
	L-emittent huwa parti mill-grupp ta' rrapportar	V	Jindika jekk it-titolu nħariġx minn entità tal-istess grupp ta' rapportar għal titoli rrapportati fuq bażi ta' titolu b'titolu
	Data tal-ħruġ	V	Id-data li fiha t-titoli jiġu kkonsenjati lis-sottoskrivent mill-emittent flimkien ma' pagament. Din hija d-data meta t-titoli ikunu jistgħu jiġu kkonsenjati lil investituri għall-ewwel darba.
	Data tal-maturitā	V	Data meta l-instrument ta' dejn jinfeda
	Ammont li għad irid jitħallas	V	Ammont li għad irid jitħallas ikkonvertit f'euro
	Kapitalizzazzjoni tas-suq	V	L-aħħar kapitalizzazzjoni tas-suq f'euro disponibbli
	Imgħax akkumulat	V	Imgħax akkumulat mill-aħħar pagament ta' kupun jew mid-data li fiha beda jakkumula l-imgħax.
	Fattur tal-aħħar split	V	Frazzjonamenti (splits) ta' stokks u raggruppanimenti (reverse splits) ta' isħma
	L-aħħar data tal-frazzjonament	V	Id-data li fiha l-frazzjonament tal-istokk isir effettiv.
	Tip ta' kupun	V	Tip ta' kupun (fiss, varjabbli, imtarraġ eċċi)
	Tip ta' dejn	V	Tip ta' strument ta' dejn
	Ammont tad-dividend	V	Ammont tal-aħħar pagament tad-dividend għal kull sehem bit-tip tal-ammont tad-dividend qabel it-taxxa (dividend gross)

Tagħrif rapportat (¹)	Attribut	Status (²)	Deskrizzjoni
	Tip tal-ammont tad-dividend	V	Denominazzjoni jew f'munita tad-dividend jew numru ta' ishma
	Munita tad-dividend	V	Munita tal-aħħar ħlas ta' dividend
	Tip ta' titolizzazzjoni tal-attiv	V	Tip ta' attiv li bih issir titolizzazzjoni

(¹) L-istandardi ta' rapportar elettroniċi huma stabbiliti separatament.

(²) M: attribut obbligatorju; V: attribut volontarju.

(³) Mhx meħtieġ għal titoli rrapporati fuq bażi aggregata.

(⁴) Il-BĊNi għandhom preferibbilment jużaw l-istess numru ta' identifikazzjoni tat-titoli għal kull titolu fuq bosta snin. Barra minn dan, kull numru ta' identifikazzjoni tat-titoli għandu jkun relatax ma' titlu wieħed biss. Il-BĊNi għandhom jinfurmaw lill-operaturi tal-SHSDB jekk humiex fpożizzjoni li jagħmlu dan. Kodiċċijiet CUSIP u SEDOL jistgħu jiġu trattati bħala numri interni tal-BĊN.

(⁵) Il-BĊNi għandhom ja speċifika fil-metadata t-tip ta' numru identifikazzjoni użat.

(⁶) Dawn it-titoli ma jiġux inklużi fil-produzzjoni tal-aggregati.

(⁷) Għall-kalkolu pożizzjonijiet fil-valur tas-suq minn pożizzjonijiet fvalur nominali.

ANNESS II

ITTRA TA' NOTIFIKA LIL KAPIJET TAL-GRUPPI TA' RAPPORTAR

Notifika tal-klassifikazzjoni bħala kap tal-grupp ta' rapportar bis-saħħa tar-Regolament (UE) Nru 1011/2012 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-17 ta' Ottubru 2012 dwar statistika fuq investimenti f'titoli (BĊE/2012/24) (¹)

[Għażiż/a Sinjur/Sinjura]

Permezz tal-preżenti qeqhdin ninnotifikawk, f'isem il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), li [isem legali tal-kap tal-grupp ta' rapportar] ġie kklassifikat mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE bħal l-kap tal-grupp ta' rapportar għall-finijiet ta' statistika, skont l-Artikoli 1(11) u 2(4) tar-Regolament (UE) Nru 1011/2012 (BĊE/2012/24).

L-obbligli tar-rapportar ta' [isem legali tal-kap tal-grupp ta' rapportar] bħala l-kap ta' grupp ta' rrapporṭar huma stabbiliti fl-Artikolu 3(3) tar-Regolament (UE) Nru 1011/2012 (BĊE/2012/24).

Raġunijiet għall-klassifikazzjoni ta' 'kap ta' grupp ta' rapportar'

Il-Kunsill Governattiv iddetermina li [isem legali tal-kap tal-grupp ta' rrapporṭar] jikkwalifika bħala l-kap ta' grupp ta' rapportar skont il-kriterji li ġejjin, skont ir-Regolament (UE) Nru 1011/2012 (BĊE/2012/24):

(a) [isem legali tal-kap tal-grupp ta' rapportar] huwa l-kap ta' grupp bankarju, kif iddefint fl-Artikolu 1(10)] tar-Regolament (UE) Nru 1011/2012 (BĊE/2012/24);

(b) il-grupp bankarju li [isem legali tal-kap tal-grupp ta' rrapporṭar] qed imexxi jissodisfa il-kriterji li ġejjin (²)

(i) [l-assi tal-karta tal-bilanċ ikkonsolidata tal-grupp bankarju, ikkalkolati skont it-Taqsima 1 tal-Kapitoli 4 tat-Titolu V tad-Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 14 ta' Ġunju 2006 rigward il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-istituzzjonijiet ta' kreditu] (³), huwa ikbar minn 0,5 % tal-assi tal-karta tal-bilanċ kkonsolidata totali tal-gruppi bankarju tal-Unjoni Ewropaea, skont id-dejta l-iktar riċenti rilevanti disponibbli għall-BĊE, jiġifieri (a) dejta b'referenza għall-aħħar ta' Diċembru tas-sena kalendarja li tippreċċi meta ntbagħtet din l-ittra ta' notifika; jew (b) jekk id-dejta taħt (a) mhijiex disponibbli, dejta b'refrenza għall-aħħar ta' Diċembru tas-sena ta' qabel];

(ii) [il-grupp bankarju huwa importanti għall-istabbiltà u l-funzjonament tas-sistema finanzjarja fiż-żona tal-euro għar-raġunijiet li ġejjin: [żid hawnhekk il-ġustifikazzjoni li tagħmel il-grupp bankarju importanti għall-istabbiltà u l-funzjonament tas-sistema finanzjarja fiż-żona tal-euro]:

- il-grupp bankarju huwa interkonness mill-qrib u estensivament ma' istituzzjonijiet oħra fiż-żona tal-euro;
- il-grupp bankarju għandu attivitā qawwija u estensiva transkonfinali;
- l-attività tal-grupp bankarju hija fil-parti l-kbira kkonċentrata f'settur wieħed tan-negozju bankarju taż-żona tal-euro, li tiegħi huwa parteċipant ewljeni;
- il-grupp bankarju għandu struttura korporattiva kumplessa li tmur lil hinn mit-territorju domistik]];

(iii) [il-grupp bankarju huwa importanti għall-istabbiltà u l-funzjonament tas-sistema finanzjarja [fiż-żona tal-euro rilevanti għar-raġunijiet li ġejjin: [żid hawnhekk il-ġustifikazzjoni li tagħmel il-grupp bankarju importanti għall-istabbiltà u l-funzjonament tas-sistema finanzjarja fiż-żona tal-euro]:

- il-grupp bankarju huwa interkonness mill-qrib u estensivament ma' istituzzjonijiet oħra fit-territorju domistik;
- l-attività tal-grupp bankarju hija fil-parti l-kbira kkonċentrata [speċifika s-setturi tan-negozju bankarju], li fih huwa parteċipant ewljeni domistik]].

(¹) ĠU L 305, 1.11.2012, p. 6.

(²) Daħħal il-kriterji rilevanti li l-entità nnotifikata tissodisfa biex tikkwalifika bħala kap ta' grupp ta' rrapporṭar, kif deċiż mill-Kunsill Governattiv.

(³) ĠU L 239M, 10.9.2010, p. 1.

Sors ta' tagħrif li jsostni l-klassifikazzjoni bħala 'kap ta' grupp ta' rapportar'

Il-BĊE jieħu l-assi tal-karta tal-bilanċ ikkonsolidata totali tal-gruppi bankarji tal-Unjoni Ewropea fuq il-bażi tal-informazzjoni miġbura mill-banek ċentrali nazzjonali fuq il-karta tal-bilanċ ikkonsolidata tal-gruppi bankarji fl-Istat Membru rilevanti, ikkalkulata skont it-Taqsima 1 tal-Kapitolu 4 tat-Titolu V tad-Direttiva 2006/48/KE.

[Fejn ikun meħtieġ, għandhom jiġu inklużi hawnhekk iktar spiegazzjonijiet tal-metodoloġija applikata għall kwalunkwe kriterji ta' inklużjoni addizzjonali miftiehem mill-Kunsill Governattiv.]

Ogħeżżjonijiet u r-reviżjoni tal-Kunsill Governattiv

Kwalunkwe talba għal reviżjoni mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE tal-klassifikazzjoni ta' [isem legali tal-kap tal-grupp ta' rapportar] bħala kap tal-grupp ta' rapportar bħala riżultat tal-ġustifikazzjonijiet msemmijin iktar 'il fuq għandha tīgi indirizzata fi 15-il jum tax-xogħol tal-BĊE minn meta tīgi rċevuta din l-ittra lil [daħħal l-isem u l-indirizz tal-BĊE]. [isem legali tal-kap tal-grupp ta' rapportar] u għandha tinkludi r-raġunijiet għal din it-talba u kull tagħrif li jsostniha.

Data tal-bidu tal-obbligi ta' rapportar

Fin-nuqqas ta' kwalunkwe ogħeżżjoni, [isem legali tal-kap tal-grupp ta' rapportar] għandu jirrapporta tagħrif statistiku skont l-Artikolu 3(3) tar-Regolament (UE) Nru 1011/2012 (BĊE/2012/24) minn [daħħal d-data tal-bidu għar-rapportar, jiġifieri mhix iktar tard minn sitt xħur wara li tintbagħħat l-ittra].

Tibdil fl-istatus tal-entità nnotifikata

Qed tintalab tħinforma lil [isem il-BĊE li qed jinnotifika] bi kwalunkwe bidla fl-isem jew forma legali, għaqda, ristrutturar u kwalunkwe ġraja jew ċirkustanza oħra fil-[isem legali tal-kap tal-grupp ta' rapportar] li jistgħu jaftettwaw l-obbligi ta' rapportar ta' [isem legali tal-kap tal-grupp ta' rapportar], fi żmien 10 ijiem tax-xogħol tal-BĊE minn dak l-avveniment.

Minkejja li jkun seħħi dak l-avveniment, [isem legali tal-kap tal-grupp ta' rapportar] jibqa' suġġett għall-obbligi ta' rapportar stipulati fir-Regolament (UE) Nru 1011/2012 (BĊE/2012/24) sakemm ninnotifikawk mod ieħor fisem il-BĊE.

Dejjem tiegħek
[firma]